**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u>**
**Nru. 06/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 06/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 27 ta' Jannar 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 05/2014

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 05/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 05/2014

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 05/2014.

Dwar applikazzjoni għal permess ta' żvilupp bin-nru. PA/00111/15 għal tqegħid ta' *mobile kiosk* fi Triq il-Port, il-Kumitat qabel li joġġezzjona mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fuq din l-applikazzjoni peress li l-ispazju mhux okkupat fuq il-*promenade* ta' Marsalforn hu limitat ħafna.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra ta' riżenja tas-Sur Joseph Zammit fejn għarraf li kien qed jirriżenja mill-kariga ta' membru fil-Kumitat Amministrattiv. Kienet ser tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Zammit għax-xogħol li għamel tul iż-żmien li serva bħala membru fil-Kumitat. Iċ-Chairperson ipproponiet lis-Sur Alfred Camilleri għal post battal ta' membru fil-Kumitat. Il-Kumitat unanimament qabel man-nominazzjoni mressqa miċ-Chairperson.

Komunikat mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lill-Kunsill Lokali għas-sena 2015.

Memo 34/2014 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-aġġornamenti tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali / Kumitati Amministrattivi.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar l-applikazzjoni mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal finanzjament mill-UIF biex isiru bankini ġodda fi Triq Ulisse. Il-Kunsill qabel li jżomm *parking* fuq naħa waħda tat-triq.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar applikazzjoni għal *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita` fi Triq id-Duluri (applikazzjoni tas-Sur Alan Green). Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni tas-Sur Green.

Ittra tal-Perit Teddie Busuttil għan-nom tas-Sur Robert Micallef biex il-Kunsill joħroġ ittra ta' *no objection* biex jarma ''hawker'' fi Triq il-Munġbell. Il-Kumitat qal il-materja mhux kompetenza tiegħu.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|---|
| (i) | Uffiċċju tal-Kultura Għawdex<br>Għal attivitajiet ġewwa Marsalforn f' dawn il-ġranet: 6 u 27 ta' Lulju, 3, 16 u 31 ta' Awwissu u 12 ta' Settembru 2015. | Approvata. |
| (ii) | Fondazzjoni Arka<br>Għal *car boot sales* f' dawn il-ġranet:<br>15 ta' Marzu, 19 ta' April, 17 ta' Mejju u 21 ta' Ġunju 2015. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (iii) | Fondazzjoni Oasi<br>Għall-festival 'Riflessi Sajfin 2015'<br>nhar it-8 ta' Awwissu 2015 fil-Menqa ta' Marsalforn. Il-palk jintrama l-Ġimgħa 7 ta' Awwissu 2015. | Approvata. |
| (iv) | Victor Refalo – Ekxa Kiosk<br>Għal attivitajiet ta' *country nights* f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet:<br>12,13,19,20,26 u 27 ta' Ġunju 2015<br>3,4,10,11,17,18,24,25 u 31 ta' Lulju 2015<br>1,14,15,28 u 29 ta' Awwissu 2015<br>4,5 u 11 ta' Settembru 2015. | Approvata. |
| (v) | Gary Doyle – Glass Box Bar<br>Għal attivitajiet ta' 'Band' f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet:<br>3,7,10,14,17,21,24 u 28 ta' Ġunju 2015<br>1,3,5,8,12,15,19,22,26 u 29 ta' Lulju 2015<br>2,5,9,12,16,19,23,26 u 30 ta' Awwissu 2015<br>2,6,9,13,16,20,23,27 u 30 ta' Settembru 2015. | Approvata. |
| (vi) | Jason Axiaq<br>Applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku fi Triq il-Wied mit-18 ta' April sat-18 | Il-Kumitat qabel li ma jiffirmax dawn it-tip ta' applikazzjonijiet jekk ma |

| | | |
|---|---|---|
| | ta’ Ottubru 2015. | jkunx hemm applikazzjoni għal permess mal-Kunsill. |
| (vii) | Jean Paul Portelli<br>Għal tqegħid ta’ ‘‘mobile food trailer’’ fi Triq il-Munġbell, sajf 2015. | Rifjutata. |

## 5. PASSAĠĠ – BAJJA TA’ MARSALFORN

Ġie deċiż li ssir sejħa pubblika għall-offerti biex isir passaġġ ġdid tal-injam (injam *marine*) fuq il-Bajja ta’ Marsalforn. Iċ-Chairperson qalet importanti li l-passaġġ ikun imqiegħed fl-ewwel ġimgħa ta’ Mejju.

Is-Sinjura Sandra Grech daħlet għall-laqgħa.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 38/2014 – Gary Doyle**
Talab biex tinbidel il-bankina ta’ quddiem Glass Box Bar f’ Misraħ M’Anġ Refalo. Il-Kumitat qabel li din il-bankina tissewwa.

**Nru. KAM 01/2015 – John Zammit**
Talab biex issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Wied. It-talba kienet rifjutata mill-Kumitat.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva li jsiru dawn ix-xogħlijiet:

- isiru *double yellow lines* mal-ġenb tar-residenza bin-nru. 24 fi Triq Santa Marija.
- jinżebgħu sinjali ‘STOP’ fi Triq Barda u Triq il-Qolla s-Safra; jagħmel ix-xogħol Raphael Refalo.
- jinbnew tlett ħitan imwaqqa’ fi Triq il-Qbajjar; jinbnew mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- tinbidel il-bankina ta’ quddiem Eugenio Flts fi Triq Barda.
- it-traqqiegħ bis-siment tal-Menqa.

Is-Sindku ressaq talba li għandu biex tiċkien is-*soft area* ta’ Triq il-Wied, faċċata ta’ Tom’s Tuck Inn. It-talba kienet rifjutata mill-Kunsill.

Il-Kumitat iddeċieda li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex isir xi tip ta' lqugħ fi Triq il-Wied, fejn saru x-xogħlijiet mill-Ministeru.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna s-seduta għat-Tlieta 24 ta' Frar 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***